# Riforma Kostituzzjonali

**Fondazzjoni IDEAT**

**Ottubru 2019**

## Kapitli I and II – Ir-Repubblika u Dikjazzjoni ta' Prinċipji

1. Rikonoxximent ta ' reliġjonijiet oħra. Ir-Religjon Kattolika Appostolika Rumana għanda tibqa' r-Religjon tal-Istat Malti, imma li l-kostituzzjoni tirikonoxxi religjonijiet ohra fil-pajjiz. B'hekk ir-Religjoni Kattolika ma tibqax l-unika religjon li tiddetermi dak li fil-principju hu tajjeb jew ħazin.

2. Għandu jkun hemm deskrizzjoni tal-arma nazzjonali;

3. l-Istat għandu jagħmel dak li hu possibli biex jingħata kenn u impjieg stabbli (u dan sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol prekarju), jippromwovi stil ta ' ħajja tajba, u jpoġġi fuq quddiem nett il-frott tal-attivita' ekonomika għal dan il-għan.

4. Jkun rikonoxxut id-drittijiet tal-persuni b ' diżabilità. Li titneħħa kwalunkwe referenza tat-terminoloġija "inkapacitati" u tiġi ssostitwita b ' diżabilità.

## Kapitolu IV – Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu

1. Għandha titneħħa r-referenza għall-piena Kapitali (33 (1));

3. Għandu jingħata d-dritt tal-istat li tittiehed proprjetà għal finijiet ta ' konservazzjoni (37 (2) (k));

4. id-dixxiplina tal-ġenituri m ' għandhiex tinjora d-dritt għall-privatezza, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta ' assoċjazzjoni – forsi għal persuni taħt is-16 (38 (1), 41 (1), 42 (1));

5. Għandu jkun inkluż għad-dritt għal-libertà tal-espressjoni permezz ta ' pubblikazzjonijiet diġitali u għandna tiġi reveduta l-età minima għall-pubblikazzjoni;

6. il-kwalifiki għall-forzi dixxiplinati m ' għandhomx jirrigwardaw l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru (45 (5)).

## Kapitolu V – il-President

1. Ir-rwol prinċipali tal-President li jħares il-Kostituzzjoni;

2. il-President għandu jkollu rwol aktar b'saħħtu fis-sistema ta ' *checks and balances* bejn l-eżekuttiv, il-ġudikatura u l-leġislattiv.

3. Nipproponu li President jiġi elett u mneħħi b ' maġġoranza ta ' membri parlamentari u dan sabiex jiġi assigurat li persuna tiġi eletta filwaqt li tiġi assigurata l-istabbiltà tal-Gvern, ngħidu aħna billi l-Gvern jipproponi 3 ismijiet u mbagħad jagħti l-għażla li jagħżel l-oppożizzjoni minn dawn it-tlieta;

4. Għandu jiġi stabbilit perjodu minimu fejn il-persuna magħżla tkun ilha ' l bogħod mix-xena politika. Dan sabiex jiġu eviti sitwazzjonijiet simili għal tal-2004 meta l-istess persuna sservi bħala President jum biss wara li tkun il-Prim Ministru.

5. Għandu jkun hemm aktar awtonomija fil-ħatra ta ' persuni fuq il-ġudikatura u bħala gwardjani fuq l-istituzzjonijiet – Kummissjoni Elettorali, Kummissjoni dwar is-servizz pubbliku, Kummissjoni għall-impjiegi, awtorità tax-xandir, l-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali, Avukat Ġenerali – aktar milli jaġixxu "skont il-parir tal-Prim Ministru"

6. Dawn il-gwardjani fuq l-istutuzzjonijiet, imsemmija (5) għandhom jirrispondu għall-President tar-Repubblika.

## Kapitolu VI – il-Parlament

1. Jitnaqqas in-numru ta' distritti elettorali stabbiliti, eżempju tal-inqas 9 u mhux aktar minn 15 u -il distrett fejn kull wieħed jeleġġi mill-inqas 5 u mhux iktar minn 7 mempri parlamentari, u dan sabiex tippermetti forom oħra elettorali minbarra r-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli. Is-sistema tagħna tagħti wisq importanza lill-individwu li qed jikkontesta l-elezzjoni aktar milli l-valuri u l-manifest elettorali li qed jirrapreżenta.

2. Tiżgura li ż-żieda tas-si ġġijiet tkun stipulata b ' mod ċar fil-li ġi sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li tirriżulta mill-elezzjoni 2013;

2. Tassigura li ż-żieda fis-siġġijiet ikun stipulat fil-Liġi biex tassigura sitwazzjonijiet simili bħal tal-elezzjoni tal-2013.

3. Tippermetti l-possibbiltà ta ' votazzjoni diġitali;

4. Iċ-ċittadini Maltin kollha li jkollhom aktar minn 16-il sena għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw irrispettivament mill-istatus ta ' residenza tagħhom;

5. Il-regoli dwar il-ħatra u t-tmiem tal-Ombudsman kif ukoll is-setgħat tiegħu għandhom jiġu spjegati fil-Kostituzzjoni;

6. Id-dritt tal-Membri Parlamentari li jitkellmu jew jissottometta rapporti mingħajr proċeduri: dawn għandhom jiġu riveduti;

7. Il-Prim Ministru m'għandux ikollu s-setgħa li jirrakommanda x-xoljiment tal-Parlament fuq mozzjoni tiegħu biss imma dejjem għandha tkun fuq riżoluzzjoni tal-Kamra.

## Il-Kapitolu VII – L-Eżekuttiv

1. il-possibbiltà tal-ħatra ta ' Ministri teknokratiċi u/jew Segretarji Parlamentari mhux eletti. Ministru teknokratiku għandu jkun leali lejn il-manifest Elettorali li l-Partit fil-poter kien elett bih.

2. is-setgħat tal-eżekuttiv iridu jkunu bbilanċjati mill-istutuzzjonijiet fll-funzjonijie tagħhom bħala gwardjan. Il-persuni fuq dawn l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jiġu rrakkomandati mil-Kamra tar-rappreżentanti u jinħatru mill-President u assigurati permezz tal-mandat;

3. Is-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Segretarji Permanenti u l-kapijiet tad-dipartimenti għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni dwar is-servizz pubbliku wara sejħa pubblia. Dawn l-uffiċjali għoljin għandhom igawdu s-sigurtà tal-pożiżżjoni tagħhom. Is-Segretarji Permanenti m ' għandhomx ikunu persuni nominati politikament, imma ħaddiema taċ-ċivil li għandhom u jibqgħu jaqdu kwalunkwe Gvern tal-ġurnata.

## Kapitolu VIII – Il-Ġudikatura

1. Il-ħatra tal-ġudikatura trid tmur lil hinn mill-politika.

2. Il-Ħatra tal-ġudikatura trid tkun waħda transparenti wara sejħa.

3. Judicial appointments committee to make recommendations to the President;

4. It-terminu ta' xi ġudikant irid isir mill-President wara rakommandazzjoni tal-Kumitat tad-Dixxiplinabi dritt tal-appell fil-Qorti.

## Kapitolu X – Is-Servizz Pubbliku

1. Restrizzjoni tal-libertà ta ' għaqda u ta ' assoċjazzjoni, il-moviment liberu tal-uffi ċjali pubbliċi jeħtieġ li jiġi rivedut

## Kapitlu XA – Kunsilli Lokali

1. Għandhom jissejħu bħala Gvern Lokali;

2. Ir-rwoli u l-funzjonijiet għandhom ikunu defeniti.

## Kapitlu XI – Mixxellanji

1. L-Awtorita' tax-Xandir trid tkun aġġornata biex tagħmilha relevanti għaż-żmien diġitali u mhux biss fil-ħoss u l-istampa.

2. il-funzjonijiet tal-Kummissjoni tal-impjiegi m ' għandhomx ikunu limitati biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni politika fir-rigward tal-impjiegi. Jeħtieġ li jiġu wkoll imħarsa kwalunkwe forma oħra ta' diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol.